**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1123/2007 AF**

**Id-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali**

**vs**

**Tarcisio Borg li b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 2011, il-Qorti ordnat li jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali u fil-verbal tas-26 ta' April 2017 il-Qorti ordnat li wara decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jinhareg mill-kawza l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tad-Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali tad-29 t' Ottubru 2007, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-2 ta' Settembru 1998, l-*ispeed boat* S-7884 mghammra b'zewgt muturi 175HP, (li ritratti taghha qeghdin jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. 104), proprjetà ta' Tarcisio Borg izda fil-pussess ta' certu Joseph Agius kienet twaqqfet mill-membri

tal-Forzi Armati u nstab illi kien hemm kunsinna illegali ta' ghasafar u ghalhekk saret inkjesta Magisterjali.

Bhala rizultat ta' tali inkjesta, l-*ispeed boat* S-7884 nzammet mill-Pulizija.

Permezz ta' digriet tal-Magistrat Dr. A. Lofaro datat 24 ta' Settembru 1998, Tarcisio Borg, wara li talab sabiex jiehu lura l-*ispeed boat* S-7884, kien ordnat mill-Qorti sabiex is-*speed boat* b'numru ta' registrazzjoni S-7884 "tibqa'" fil-pussess u kontroll esklussiv ta' "Tarcisio Borg" sa tmiem il-kawza u dan invista tal-fatt li din id-dghajsa kellha tigi esebita formalment fil-kawza odjerna, skond kif jidher mid-digriet tal-Qorti u rikors ohra precedenti, hawn anness u mmarkat Dok. A.

Permezz ta' sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2006, din l-imsemmija *speed boat* giet konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

Hekk kif l-ufficjali tad-Dwana marru biex jiehdu pussess tal-imsemmija *speed boat* nhar it-23 ta' Novembru 2006, Tarcisio Borg infurmahom illi filwaqt li huwa kien fil-pussess tal-*hull* ta' din l-*ispeed boat* huwa ma kienx ghadu fil-pussess tal-muturi *outboard* taghha, kif jidher fl-annessa ittra taghhom datata 11 ta' April 2007 hawn mmarkata Dok. B.

Permezz ta' rikors ipprezentat fid-29 ta' Mejju 2007 mill-Avukat Generali, huwa gab ghal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dana kollu u talab li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorità taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 (Dokument D).

B'digriet tat-8 ta' Gunju 2007 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti (Dokument D).

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Issib lil intimat Tarcisio Borg hati ta’ disprezz ghall-awtorità taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista’ jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuzi bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Tarcisio Borg li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet ghadhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta fil-kawza odjerna.

Bir-rispett kollu u kif ser jigu ppruvat id-dghajsa ossija *speed boat* S-7884 qeghda taht il-kontroll effettiv tad-Dwana ta’ Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat illi minkejja li fl-udjenza tas-27 ta’ Frar 2018 din il-Qorti akkordat żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-miktub, l-ebda parti ma ppreżentat nota ta’ sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti mressqa mill-attur għaliex minkejja d-digriet tal-Maġistrat Inkwerenti tal-24 ta’ Settembru 1998 sabiex l-*ispeedboat* bin-numru ta’ reġistrazzjoni S-7884 tibqa’ fil-pussess u kontroll

esklussiv tal-konvenut, l-istess konvenut iddispona mill-*outboard motors* tal-imsemmija *speedboat*. Din l-azzjoni taqa' taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li l-i*speedboat* in kwistjoni qiegħda taħt il-kontroll effettiv tad-Dwana ta' Malta.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-2 ta' Settembru 1998, l-*ispeedboat* S-7884 mgħammra b'żewġ muturi u proprjetà tal-konvenut ġiet interċettata mill-membri tal-Forzi Armati waqt li kienet fil-pussess ta' ċertu Joseph Agius. Peress li nstab li kien hemm kunsinna illegali ta' għasafar fuq l-istess *speedboat*, saret inkjesta Maġisterjali. Konsegwentment, l-i*speedboat* S-7884 inżammet mill-pulizija.

Fuq talba tal-konvenut, il-Maġistrat Inkwerenti awtorizzat ir-rilaxx tal-i*speedboat de quo* favurih permezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 1998, bil-kundizzjoni espressa li din tibqa' fil-pussess u kontroll esklussiv tiegħu.

Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' Ottubru 2006 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Agius, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-i*speedboat* S-7884.

Madanakollu, meta l-uffiċjali tad-Dwana marru sabiex jelevaw l-imsemmija *speedboat* fit-23 ta' Novembru 2006, il-konvenut infurmahom li filwaqt li huwa kien fil-pussess tal-*hull*, huwa ma kienx għadu fil-pussess tal-muturi *outboard* tagħha. B'hekk ġie elevat biss il-*hull*.

Permezz ta' rikors preżentat mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2007, dawn il-fatti inġiebu a konjizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ntalbet tordna lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jieħu l-passi neċessarji għal disprezz lejn l-awtorità tagħha skont l-artikolu 1003A tal-Kap. 12. Il-Qorti laqgħet it-talba permezz ta' digriet datat 8 ta' Ġunju 2007 u għaldaqstant, inbdew dawn il-proċeduri.

Il-konvenut jgħid illi l-*outboard motors* kienu bil-ħsara u allura l-aġent mingħand min kien xtara l-i*speedboat* kien għaddihom lill-*mechanic* sakemm kien qiegħed jistenna xi informazzjoni minn barra. Il-konvenut jikkontendi li dan il-*mechanic* miet u l-*outboard motors* in kwistjoni qatt ma nstabu mill-eredi tiegħu u allura ma setgħux jiġu ritornati lilu. Huwa jikkonferma li kien jaf illi d-dagħjsa kellha tibqa' taħt il-kontroll tiegħu imma li nonostante, huwa għadda l-*outboard motors* lill-terzi għaliex jgħid li kienu bil-ħsara. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova dokumentarja sabiex jissostanzja dan kollu.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-25 ta' Settembru 2003:

> *"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. ... Kif jgħallem* ***Lord Denning****: 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt.' (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*
>
> *Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*
>
> *Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettica li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili, "****Edward Camilleri vs Carmelo Vella****" – 7 ta' Ottubru 1997)."*

Fil-każ ta’ Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-28 ta’ Jannar 1991 ingħad li l-artikoli 988 sa 1003A tal-Kap. 12 huma intizi sabiex:

*“Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F’ dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta’ l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta’ indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b’ citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f’azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn min natura kriminali. Ic-citazzjoni f’dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta’ “l-akkuzat” biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12****).”*

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Oliver Agius nomine vs Joseph Gatt, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta’ Diċembru 2002:

*“Issa huwa minnu illi fid-distinzjoni li ghamlet fuq l-awtorita` tad-duttrina Ingliza, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "****Anthony Montanaro et noe -vs- Registratur tal-Qrati****", 16 ta' Dicembru 1980 ikkwalifikat id-dizubbidjenza ghall-ordni emersa minn qorti civili bhala "civil contempt". B'danakollu billi hu kontemplat li l-imgieba hazina jew l-att vjolatur igorru maghhom sanzjonijiet ta' indoli penali, l-akkuza ta' l-allegata infrazzjoni tehtieg prova rafforzanti, konklussiva u qawwija*.”

L-attur għalhekk fil-kawża tal-lum m’għandu xejn x’jirbaħ għajr li jiżgura li tigi mħarsa l-amministrazzjoni tal-gustizzja (Il-Qorti vs Camilleri Vol. LXXIV-iii-546).

Huwa meħtieg wkoll li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni tal-Qorti kienet taf li qiegħda tagħmel hekk (ara Mallia noe. vs Dowling, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta’ Jannar 1936 u Registratur tal-Qorti vs Carmelo sive Charles Ellul, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta’ Jannar 2003).

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Qorti vs Joseph Bellizzi, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-20 ta' Awissu 1953, ingħad li:

> "*Il-mottiv li jwasslu persuna biex iggib ruhha b'mod li jidher li qieghed jisfida ordni ta' Qorti jistghu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-'animus' tal-persuna mixlija b'disprezz.*"

Fil-kawża tal-lum, il-Qorti hija unikament interessata tistabbilixxi jekk il-konvenut fil-każ *de quo* obdiex l-ordni mogħti lilu mill-Qorti fl-24 ta' Settembru 1998. Għaldaqstant, irid jiġi stabbilit jekk l-ordni tal-Qorti gietx notifikata lill-konvenut u jekk fl-affermattiv, kienx jeżisti fil-konkret aġir leżiv tal-ordni da parti tal-istess konvenut (Oliver Agius nomine vs Joseph Gatt suċitata).

Stabbilit dan kollu, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-konvenut la hija verosimili u lanqas kredibbli. Fi kwalunkwe każ, il-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jgħaddi dawn l-*outobard motors* lil terzi meta l-Qorti rrilaxxat l-i*speedboat* bil-kundizzjoni espressa li tibqa' fil-pussess tiegħu. Naturalment, l-*outboard motors de quo* jagħmlu parti mill-i*speedboat* u mhux għal *hull* biss kienet qiegħed tirreferi l-Qorti. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-konvenut fehem ċar u tond l-ordni tal-Qorti. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ssib li r-rikorrent ressaq prova konklussiva li l-konvenut injora ordni tal-Maġistrat Inkwerenti meta għadda l-*outboard motors* tal-i*speedboat* in kwistjoni lill-terzi.

Fil-fehma tal-Qorti l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorità tal-Maġistrat Inkwerenti. Dan l-aġir abbusiv tal-konvenut huwa xejn inqas minn sfida lejn l-amministrazzjoni tagħha u għalhekk huwa għandu jħallas b'mod pekunjarju għal tali aġir abbuziv.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' multa ta' elf Ewro (€1000).

L-ispejjeż ta’ din il-proċedura jitħallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG